MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 201/2000/2

**Ronald Agius u Eugenia sive Jean Agius**

**v.**

**Paul Portelli**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1. B'sentenza tas-6 ta' Ottubru 1999 fil-kawza fl-ismijiet Paul Portelli v. Ronald Agius et, (Citazzjoni numru 296/91/JF), il-Qorti ta' l-Appell ikkundannat lill-konvenuti

(l-odjerni appellanti) biex fit-30 ta’ Novembru 1999 jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt definittiv in esekuzzjoni tal-konvenju datat 25 ta’ April 1990, u jittrasferixxu lill-attur il-flat numru tlieta, formanti parti mill-blokk ta’ appartamenti bin-numru 7, fi Triq San Gwann Bosco, Sliema. Ghal dan l-iskop gew mahtura n-Nutar Tonio Spiteri biex jippublika l-att u Dr. Ramon Rossignaud biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-att.

1.2. In segwitu l-attur f’dik il-kawza, Paul Portelli, l-appellat odjern, ipprezenta rikors quddiem il-Qorti ta’ l-Appell fejn talab li tigi ffissata data ohra ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt peress li mir-ricerki rrizulta li l-fond in kwistjoni kien kolpit minn Privilegg Specjali favur Lohombus Bank Limited u minn Ipoteka Specjali favur il-Bank of Valletta plc u li kien jehtieg ftit zmien iehor biex jillibera l-flat mill-effetti ta’ l-iskrizzjonijiet ipotekarji u jkun possibbli t-trasferiment. Minkejja l-opposizzjoni ta’ l-appellanti odjerni ghal tali rikors, il-Qorti ta’ l-Appell b’digriet tat-28 ta’ Dicembru 1999 kienet laqghet it-talba tar-rikorrent Paul Portelli u dan ghas-segwenti ragunijiet:
i) il-jum ffissat minnha bis-sentenza tas-6 ta’ Ottubru 1999, ma kienx wiehed ta’ dekadenza li ma setax jiggedded izda l-Qorti kienet ddefiniet data ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Ziedet li bis-sentenza taghha hija ma kenitx estendiet it-terminu ghaliex il-konvenju skada fil-mument meta l-konvenuti ma deherux ghall-kuntratt fiz-zmien stipulat;

ii) ir-rikors biex tigi mibdula d-data kien sar qabel id-data stabbilita minnha;

iii) ir-raguni ghat-talba tar-rikorrent ma kenitx frivola; u

iv) hija kompetenza tal-Qorti ta’ l-Appell li tvarja dik il-parti tad-decide taghha li ma tolqotx il-mertu tat-talbiet attrici izda biss il-modalita` kif il-gudikat ghandu jigi esegwit.

1.3. L-istess Qorti ghalhekk estendiet it-terminu u appuntat il-gurnata tat-30 ta’ Marzu 2000 ghall-pubblikazzjoni ta’ l-att finali.

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI KONJUGI AGIUS**

2. Permezz ta' din il-kawza l-konjugi Agius qed jippruvaw jimpunjaw din id-decizjoni b'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, fejn wara li ppremettew illi:

i) ir-raguni ghaliex Portelli ghamel ir-rikors kienet ghaliex hu ma kellux flus biex jakkwista l-appartament u li ghalhekk dak ir-rikors kien bla bazi legali;

ii) id-digriet li bih il-Qorti ta' l-Appell estendiet id-data ghall-pubblikazzjoni kien null u bla effett peress li jmur kontra l-poteri ta' l-istess Qorti, u l-atturi wara it-30 ta' Novembru 1999 ma kinux izjed marbuta li jbieghu l-fond lil Portelli,

talbu biex dik il-Qorti tiddikjara li:

i) l-konvenut kien inadempjenti meta ma deherx fuq il-kuntratt fid-data ffissata;

ii) r-ragunijiet moghtija minnu fir-rikors tal-25 ta' Novembru 1999 kienu bla bazi;

iii) d-digriet tat-28 ta' Dicembru 1999 li bih il-Qorti ta' l-Appell akkordat l-estensjoni fiz-zmien kien null u bla effett fil-ligi; u

iv) li konsegwentement l-atturi ma kinux marbutin ibieghu l-appartament in kwistjoni wara t-30 ta' Novembru 1999.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

3. Il-konvenut Paul Portelli eccepixxa li "t-talbiet attrici huma guridikament insostenibbli u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi".

**IS-SENTENZA APPELLATA**

4. B'sentenza tas-16 ta' Gunju 2004 il-Prim Awla tal-Qorti Civili wara li rriteniet illi bil-kawza odjerna ma kenitx qeghdha tigi kontestata l-kompetenza tal-Qorti ta' l-Appell li tvarja dik il-parti tad-<u>decide</u> taghha li ma tolqotx il-mertu

tat-talbiet attrici izda biss il-modalita` ta' esekuzzjoni, izda kien qed jigi sottomess li r-raguni tat-talba ghall-estensjoni ma kenitx wahda valida, ddecidiet li ma setghetx tissindika d-diskrezzjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-akkoljiment tat-talba maghmula f'dak ir-rikors. B'hekk hija kkonkludiet li t-talba ghar-revoka ta' dak id-digriet kellha tigi intavolata quddiem il-Qorti li tat dak il-provvediment. It-talbiet attrici gew ghalhekk michuda, bl-ispejjez kontra l-attur [recte: atturi] Agius.

**L-APPELL TAL-KONJUGI AGIUS**

5.1. L-atturi konjugi Agius intavolaw l-appell odjern fis-6 ta' Lulju 2004, u fih jilmentaw illi l-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat meta qalet li fil-kawza ma kienx qed jigi kkontestat id-dritt tal-Qorti ta' l-Appell li tirregola b'decizjonijiet simili l-esekuzzjoni tas-sentenzi taghha, izda li kien qed jinghad biss li fil-kaz odjern, tali decizjoni kienet erronea minhabba allegazzjonijiet inveritjieri mill-appellat.

5.2. In sostenn ta' dan huma jirreferu ghal dik il-parti ta' l-att tac-citazzjoni fejn huma ppremettew li bid-digriet taghha – "tat-28 ta' Dicembru 1999 illi ordnat li jsir il-bejgh fuq imsemmi f'data ohra u cioe` fit-30 ta' Marzu 2000, huwa null u bla effett fil-ligi, fost ragunijiet ohra ghaliex imur oltre l-poteri Taghha skond il-ligi, u ghaliex wara t-30 ta' Novembru 1999 l-atturi ma kinux izjed marbuta li jbieghu lill-konvenuti (sic) u ghalhekk xejn ma jorbot lill-atturi wara li ghaddiet inutilment id-data fejn il-pubblikazzjoni tal-kuntratt giet ordnata fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Ottubru 1999".

5.3. Jilmentaw inoltre illi mkien fil-ligi taghna ma jinstab dritt generali li jintitola lill-Qorti ta' l-Appell tintervjeni b'dan il-mod, bil-konsegwenza li l-appellat jaghzel l-hin li fih isir il-kuntratt finali. Jghidu li potenzjalment bl-argument tal-Qorti ta' l-Appell huma setghu jinzammu mdendlin b'mod indefinit u dan a skapitu tad-drittijiet ghall-proprjeta` privata taghhom. Pero` huma ma setghux jispjegaw dan lill-Prim Awla peress li din ma trattatx il-meritu izda ddecidiet biss jekk kellhiex dritt tissindika tali operat.

5.4. Isostnu li fil-gurisprudenza taghna wiehed isib bosta kazijiet fejn f'kaz ta' digrieti li mhux definiti u lanqas interlokutorji, jkun moghti r-rimedju fil-forma tac-citazzjoni ntavolata quddiem dik il-Qorti li tkun tat id-digriet. Inoltre hemm bosta kazijiet fejn il-Prim Awla annullat digrieti tas-Sekond Awla, u allura ta' Qorti ohra. Jillanjaw li dan huwa wiehed minn dawk id-digrieti impunjabbli biss bil-procedura tac-citazzjoni, u peress li tali procedura mhix ammissibbli quddiem il-Qorti ta' l-Appell tali rimedju ghandu jkun ammissibbli permezz tal-Prim Awla tal-Qorti Civili.

B'hekk talbu r-revoka tas-sentenza u talbu wkoll li l-atti jigu rimessi ghall-kontinwazzjoni tas-smigh fuq il-meritu, bl-ispejjez kontra l-appellat.

**<u>IR-RISPOSTA TA' PAUL PORTELLI GHALL-APPELL TA' L-ATTURI</u>**

Il-konvenut Paul Portelli wiegeb hekk:

(1) Fl-ewwel lok li dan l-appell huwa frivolu u vessatorju u huwa ntiz biex jostakola l-esekuzzjoni tas-sentenza pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Paul Portelli v. Ronald Agius et fejn il-konvenuti gew ordnati jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt definittiv u jittrasferixxu lill-atturi l-appartament numru 3, li jinsab 7, Triq San Gwann Bosco, Sliema.

(2) Jissottometti li fl-ewwel aggravju taghhom l-appellanti qed jikkontestaw il-kostatazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li fl-azzjoni odjerna ma kienx qed jigi kontestat id-dritt tal-Qorti ta' l-Appell li tvarja dik il-parti tad-decide taghha li ma tolqotx il-meritu tat-talbiet attrici imma biss il-modalita` ta' esekuzzjoni tal-gudikat, izda li l-atturi qed jikkontestaw l-provvediment fih innifsu, peress li skond l-atturi r-raguni ghat-talba ghall-estensjoni tat-terminu ma kenitx wahda valida.

Izid li din il-kontestazzjoni ta' l-appellanti hija bbazata, jghid l-appellat, fuq il-pretensjoni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-bazi guridika ta' l-azzjoni minnhom proposta, stante li llimitat ruhha ghad-decizjoni dwar jekk hija kellhiex dritt tissindika decizjoni tal-Qorti ta'

l-Appell, minghajr ma kkunsidrat l-bazi proprja ta' l-azzjoni attrici, cioe` li d-digriet pronuncjat mill-Qorti ta' l-Appell kien null ghaliex fost ragunijiet ohra jmur oltre l-poteri taghha skond il-ligi.

L-appellat jissottometti wkoll li dan l-aggravju huwa nfondat peress li mill-premessi principali kontenuti fl-att tac-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni guramentata jidher car li l-bazi proprja ta' l-azzjoni attrici hija l-allegazzjoni li r-raguni migjuba mill-appellat quddiem il-Qorti ta' l-Appell biex gie estiz it-terminu kienet invalida. Dan huwa wkoll rifless fit-talbiet attrici u fir-rikors ta' l-appell fejn l-appellanti jissostanzjaw l-appell taghhom *inter alia* fuq l-allegazzjoni li "imkien fil-ligijiet taghna ma jinstab dritt in generali li jintitola Qorti, hi liema hi, sabiex tintervjeni bil-mod li intervjeniet din l-Onorabbli Qorti, imbaghad specifikatament ghal dan il-kaz sabiex b'hekk l-appellati jkunu jistghu jsibu l-hin komdu taghhom biex jaghzlu meta jsir il-kuntratt finali in kwistjoni."

(3) Fit-tieni lok, jissottometti li l-lanjanza ta' l-appellanti li l-Qorti kienet zbaljata meta llimitat ruhha ghad-decizjoni dwar jekk hija kellhiex id-dritt tissindika decizjoni bhal dik in ezami, hija ngusta u l-pretensjoni ta' l-appellanti li s-sentenza appellata hija erronea hija guridikament insostenibbli, iktar u iktar meta l-appellat issolleva eccezzjoni ta' indoli purament procedurali. Jelabora li peress li tali eccezzjoni hija perentorja tal-gudizzju u jekk milqugha tista' twaqqaf il-proceduri gudizzjarji l-ewwel Qorti kienet korretta meta ghaddiet biex tezamina tali eccezzjoni qabel ma dahlet fil-mertu.

(4) Dwar l-ilment ta' l-appellanti li "mkien fil-ligijiet taghna ma jinstab dritt in generali li jintitola Qorti, hi liema hi, sabiex tintervjeni bil-mod li intervjeniet din l-Onorabbli Qorti" in forza tad-digriet tat-28 ta' Dicembru 1999, jissottometti li din it-tezi hija insostenibbli. L-appellat jispjega li l-interpretazzjoni ta' l-appellanti tirriduci l-effikacja tas-sentenza tal-Qorti b'mod tali li l-icken cirkostanza li taffetwa l-partijiet f'dawk il-proceduri jew il-proprjeta` mertu ta' l-istess, tirrendi dik is-sentenza totalment inutili u inefficjenti.

Jissottometti li s-setgha tal-Prim Awla li tissindika l-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta' Qorti ohra hija ben definita mil-ligi u hija limitata biss ghal digrieti pronuncjati mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili skond l-Artikolu 35 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Imkien ma jirrizulta li l-Prim Awla tista' tissindika l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Qorti ta' l-Appell u tali interpretazzjoni tikkostitwixxi kontro-sens procedurali li jistultifika s-sistema organizzattiva tal-Qrati taghna. In sostenn ta' dan jirreferi ghad-decizjoni fl-ismijiet Dr. Alfred Mifsud v. Onor. Prim Ministru et[1], fejn kien sar rikors quddiem il-Prim Awla biex jigi impunjat digriet moghti mill-Qorti Kostituzzjonali bhala Qorti ta' l-Appell u ntqal:
"Dan kjarament huwa profondament ingust ghaliex jistultifika s-sistema gudizzjarja kollha kemm hi, jaqleb l-ordni gerarkiku tal-Qrati ta' taht fuq, kif jghidu l-Inglizi 'turning the system on its head', bir-rizultat li tinholoq dik id-dizordni fl-amministrazzjoni tal-gustizzja li hija proprju l-antitesi ta' kull principju mhux biss tal-gustizzja fil-konnotat majestuz ta' dik il-virtu` vitali ghas-socjeta` imma anki ta' kull semplici regola tad-Dritt."

(5) Finalment fir-rigward tas-sottomissjoni ta' l-appellanti li fil-gurisprudenza hemm diversi kazijiet fejn fil-kaz ta' digrieti li la huma interlokutorji u lanqas definittivi, jirrikonoxxu r-rimedju tac-citazzjoni ntavolata quddiem il-Qorti li tkun tat id-digriet kontestat, u li peress li l-procedura bic-citazzjoni mhux ammissibbli quddiem il-Qorti ta' l-Appell, tali rimedju huwa disponibbli permezz tal-Prim Awla – jikkwota bosta sentenzi li jikkonfermaw ir-regola li tali digriet jista' jigi mpunjat permezz ta' citazzjoni in kontradittorju fil-Qorti li tkun emanat dan id-digriet u hija proprju din il-kundizzjoni l-aktar importanti ghas-success ta' dik l-istess procedura.

Ghalhekk, itemm l-appellat, isegwi li l-azzjoni ta' l-appellanti hija insostenibbli ghaliex kellha tigi istitwita quddiem il-Qorti ta' l-Appell peress li kienet dik il-Qorti li emanat id-digriet.

---

[1] 20 ta' Lulju 1994.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

7.1. L-appellanti jillanjaw mill-fatt illi l-ewwel Qorti ma tathomx l-opportunita` jidhlu fil-fattispecie tal-kaz ghaliex illimitat id-decizjoni taghha dwar jekk kellhiex dritt tissindika d-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell. Dwar dan jelaboraw li l-gurisprudenza nostrana tigbor fiha bosta kazijiet fejn fil-kaz ta' digrieti li la huma interlokutorji u lanqas definittivi bhal ma hu l-kaz odjern, dawn jistghu jigu impunjati billi tigi intavolata citazzjoni quddiem dik il-Qorti li tkun tat id-digriet. Huma jghidu li kien hemm bosta kazijiet fejn digrieti tas-Sekond Awla kienu annullati mill-Prim Awla, u allura Qorti ohra. Inoltre, skond l-appellanti peress li l-procedura tac-citazzjoni mhix ammissibbli quddiem il-Qorti ta' l-Appell, tali rimedju ghandu jkun disponibbli permezz tal-Prim Awla.

7.2. Qabel ma jigi trattat dan il-gravam ta' l-appell odjern, ikun utili li wiehed jinvestiga dak li gie sottomess mill-appellanti dwar l-apprezzament zbaljat li l-ewwel Qorti ghamlet tal-bazi guridika ta' l-azzjoni minnhom istitwita. L-appellanti jallegaw li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta wara li ccitat parti mid-digriet tal-Qorti ta' l-Appell li jghid "Hu finalment fil-kompetenza ta' din il-Qorti li tvarja dik il-parti tad-decide taghha li ma tolqotx il-mertu tat-talbiet attrici imma biss il-modalita` kif il-gudikat kellu jigi ezegwit" iddecidiet li "Dan id-dritt tal-Qorti ta' l-Appell mhux qed jigi kontestat. Li qed jigi kontestat huwa l-provvediment fih innifsu in kwantu qed jigi sottomess li r-raguni tat-talba ghall-estensjoni tat-terminu ma kenitx wahda valida."

7.3. Tali aggravju jidher li huwa wiehed gustifikat. Minn ezami ta' l-att tac-citazzjoni pprezentat biex jinbdew il-proceduri odjerni l-bazi principali ta' l-azzjoni attrici hija l-allegazzjoni li r-raguni moghtija mir-rikorrent Paul Portelli, l-appellat odjern, biex tigi ffissata gurnata u hin iehor ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' l-akkwist tal-proprjeta` kienet invalida u bla bazi legali. Izda l-atturi jippremettu wkoll, u dan bl-izjed mod car li:

"Peress illi fi kwalunkwe kaz id-digriet tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Dicembru 1999 illi ordnat li jsir il-bejgh fuq imsemmi f'data ohra u cioe` fit-30 ta' Marzu 2000, *huwa*

*null u bla effett fil-ligi, fost ragunijiet ohra ghaliex imur oltre l-poteri Taghha skond il-ligi*, u ghaliex wara it-30 ta' Novembru 1999 l-atturi ma kinux izjed marbuta li jbieghu lill-konvenut u ghalhekk xejn ma jorbot lill-atturi wara li ghaddiet inutilment id-data fejn il-pubblikazzjoni tal-kuntratt giet ordnata fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Ottubru 1999."

Inoltre, fit-talbiet l-atturi talbu lill-Qorti li:
"3. Tiddikjara li d-digriet tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Dicembru 1999 illi ordnat li jsir il-bejgh fuq imsemmi f'data ohra u cioe` fit-30 ta' Marzu 2000, *huwa null u bla effett fil-ligi, kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*"

Ghalhekk jidher li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta enuncjat illi l-atturi ma kinux qed jikkontestaw il-kompetenza tal-Qorti ta' l-Appell li tvarja d-data u l-hin iffissat minnha stess precedentement.

7.4. Minkejja dan l-izball min-naha ta' l-ewwel Qorti, jirrizulta li dik il-Qorti xorta wahda, qabel ma dahlet biex tiddetermina l-mertu tal-vertenza, ezaminat l-eccezzjoniji ta' natura prettament legali kontenuta fin-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Paul Portelli, ossija li "it-talbiet attrici huma guridikament insostenibbli u ghalhekk ghandhom jigu michuda."[2] Dan ghamlitu ghaliex osservat illi li kieku kellu jinstab li l-eccezzjoni kienet gustifikata allura jsegwi li l-proceduri gudizzjarji pendenti quddiem dik il-Qorti kellhom jieqfu definittivament.

7.5. Kif gia` nghad <u>*supra*</u>, dawn il-proceduri odjerni jikkoncernaw digriet moghti mill-Qorti ta' l-Appell <u>wara</u> li l-kawza kienet giet deciza mill-istess Qorti. B'dan ir-rikors, l-appellat kien talab il-kambjament tad-data ffissata ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali ta' l-akkwist. Ghaldaqstant dan ifisser li d-digriet moghti mill-Qorti ta' l-Appell <u>la kien wiehed definittiv u lanqas interlokutorju</u>. Ma kienx digriet interlokutorju ghaliex digriet simili huwa intiz biex b'xi mod jirregola l-andament tal-kawza li l-Qorti jkollha quddiemha – izda f'dan il-kaz, il-kawza kienet diga`

[2] Fol. 9.

giet deciza mill-Qorti ta’ l-Appell u ghaddiet in gudikat. Fl-istess waqt lanqas huwa digriet definittiv ghaliex biex digriet ikun definittiv irid b’xi mod jidderimi, ossija jtemm, il-kontroversja bejn il-partijiet (ara sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet Lawrence Cachia Zammit et v. Carmelo Chetcuti, 19 ta’ Gunju 1950, Vol XXXIV.I.209). Di fatti d-digriet inghata wara talba koncernenti l-ezekuzzjoni ta’ l-imsemmija sentenza. Issa gie ritenut fil-gurisprudenza taghna illi:
“hemm tliet xorta ta’ digrieti, cioe` dawk definittivi, dawk interlokutorji, u dawk (it-tielet kategorija) li la huma definittivi u lanqas interlokutorji, u li filwaqt li ghall-ewwel u ghat-tieni kategorija hemm appell kif ikkontemplat fil-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili, ghat-tielet kategorija ma hemmx dritt ta’ appell quddiem il-Qorti ta’ l-Appell (J. Bonello noe v. E. Ellul noe Appell Kummercjali 26 ta’ Gunju 1987 Vol. LXXI pg. 390; Baldacchino v. Bellizzi 10 ta’ Awissu 1953 Vol. XXXVII I 519)”[3]

Dawn id-decizjonijiet jispjegaw illi d-digrieti tat-tielet kategorija jistghu jigu mpunjati “permezz ta’ citazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digriet u s-sentenza li tingata fuq din ic-citazzjoni tista’ eventwalment tigi appellata quddiem il-Qorti ta’ l-Appell”[4].

7.6. L-atturi appellanti jissottomettu li dak li ghamlu huma kien in sintonija ma’ dak li trid il-ligi u ma’ dak li gie ritenut minn dawn il-Qrati. Billi pero` hu ovvju li huma ma setghux proceduralment jintavolaw citazzjoni quddiem il-Qorti ta’ l-Appell mnejn emana d-digriet impunjat, huma pprezentaw ic-citazzjoni taghhom fil-Prim Awla tal-Qorti Civili billi jargumentaw (ara r-rikors ta’ appell a fol. 51) li:
“...Ghandu jsegwi allura, f’kaz fejn il-procedura tac-citazzjoni mhix ammissibbli quddiem il-Qorti ta’ l-Appell, li tali rimedju jkun ukoll disponibbli fil-konfront ta’ digrieti ta’ din in-natura, kif dejjem titqies li kienet permezz tal-Prim Awla tal-Qorti Civili”.

---

[3] Gatt Josef v. Gatt Marisa – Appell Civili (Superjuri) cit. nru. – 1224/2002 deciz 8 ta’ Mejju 2003.
[4] Baldacchino et v. Bellizzi; Sammut v. Sammut et – Appell deciz 18 ta’ Frar 1963; C. Galea v. Pio Bezzina Appell Superjuri – 5 ta’ Awissu 1954; G. Baldacchino v. R. Baldacchino PA deciza 24 ta’ Gunju 1951.

L-atturi appellanti jkomplu anzi jelaboraw fis-sens li,
“Hafna mbaghad huma l-kazijiet fejn l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili annullat digrieti ta’ l-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili, u allura ta’ Qorti ohra”.

7.7. Din il-Qorti fl-ewwel lok tirrileva li l-appellanti m’humiex korretti meta jipprovaw iqabblu din is-sitwazzjoni mal-proceduri quddiem u d-digrieti moghtija mis-Sekond Awla. Tali digrieti huma specjali u gie attribwit lilhom valur daqs li kieku kienu sentenza li nghatat f’kawza kontenzjuza. Fir-risposta tieghu, l-appellat korrettement jispjega li tali setgha tal-Prim Awla tirrizulta specifikatament mill-Artikolu 35 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi li minn dawn id-digrieti ma jinghatax dritt ta’ appell “izda, meta l-parti jidhrilha li hija aggravata, tista’ taghmel kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghall-provvediment mehtieg.” Izda wiehed ma jsib imkien provvediment iehor li jaghti s-setgha lill-Prim Awla li tissindika d-diskrezzjoni tal-Qorti ta’ l-Appell, li hija Qorti ta’ revizjoni li d-decizjonijiet taghha huma finali, hlief ghar-rimedju tar-ritrattazzjoni moghti biss fil-kazijiet eccezzjonali specifikati mill-legislatur.

7.8. Fit-tieni lok, imbaghad, jigi rilevat ukoll li fil-proceduri odjerni l-atturi qed jittentaw jattakkaw digriet moghti mill-Qorti ta’ l-Appell liema digriet ma jikkoncernax il-mertu tal-kawza li kienet qed tigi trattata minnha. Dan ghaliex dik il-kawza kienet diga` giet deciza finalment minn dik il-Qorti. Id-digriet in kwistjoni kwindi kien jitratta biss talba li saret ghall-proroga tal-jum li fih kellu jigi ppubblikat il-kuntratt ta’ akkwist, jigifieri proroga tal-jum iffissat ghall-fini ta’ ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-istess Qorti. Li sehh hu li dik il-Qorti, gustament, u dan wara li ezaminat r-ragunijiet esposti, qieset anke l-opposizzjoni mill-appellanti odjerni, u kkonsidrat li tali ragunijiet ma kienux frivoli u vessatorji, ghaddiet biex ikkoncediet dak mitlub minn Portelli. Kif sewwa pprecizat il-Qorti fid-digriet taghha tat-28 ta’ Dicembru 1999 tali digriet ma kienx se jaffettwa d-decizjoni taghha dwar il-mertu, li kienet saret finali, <u>izda biss l-modalita` ta’ l-ezekuzzjoni tal-gudikat</u>, li wara kollox hu l-bazi u fondament tas-sistema guridika. Fi

kliem iehor, dik il-Qorti bl-ebda mod ma estendiet it-terminu tal-konvenju – dan kien ilu li skada bosta snin – hija kienet qed tassigura li tigi esegwita s-sentenza minnha moghtija favur l-appellat odjern.

7.9. Maghdud is-suespost, il-pern tal-kwistjoni huwa dan: Setghu l-atturi jipproponu citazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Civili biex jimpunjaw id-digriet surreferit moghti mill-Qorti ta' l-Appell? Fil-ligi tal-procedura – Kap. 16 – ma hemm xejn f'dan is-sens. Setghu, kieku hekk riedu l-atturi, jipproponu rikors min-naha taghhom ghall-fini ta' revoka tad-digriet li huma jridu jimpunjaw, imma certament ma setghu qatt jipprezentaw citazzjoni quddiem il-Qorti mnejn emana l-istess digriet. Lanqas ma huwa legalment konsentit ghall-appellanti li fejn il-ligi ma tipprovdix xort' ohra, huma jipprovaw jirrimedjaw billi jaghmlu analogija ma' sitwazzjonijiet ohrajn li ghalihom il-ligi tipprovdi espressament.

7.10. Minn ezami tal-kazistika in materja, jirrizulta mbaghad li dawn il-Qrati dejjem hadu l-linja – wahda kondiviza ghal kollox minn din il-Qorti kif komposta – li proceduri bhax-xorta in ezami ghandhom jigu intavolati quddiem il-Qorti li tkun emanat id-digriet u mhux xi Qorti ohra sakemm il-ligi stess ma tipprovdix mod iehor. Infatti, gie ritenut fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet Dr. Reno Borg v. Joseph N. Tabone noe et[5] li l-procedura in kontradittorju kellha ssir "permezz ta' citazzjoni jew att iehor promotorju u idoneju" u aktar tard dik l-istess Qorti regghet tenniet li l-proceduri kellhom isiru "fil-Qorti li tkun emanat dak id-digriet". Jidher ghalhekk li l-ewwel Qorti kienet korretta meta laqghet l-eccezzjoni tal-konvenut li l-azzjoni kif proposta kienet guridikament insostenibbli.

7.11. Ikun utli wkoll li ssir riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet Dr. Alfred Mifsud v. Onor. Prim Ministru et[6] li giet iccitata mill-appellat fir-risposta ta' l-appell tieghu, dwar proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali), biex jigi attakkat digriet moghti mill-Qorti

[5] Deciza fid-9 ta' Lulju 1991.
[6] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 1994.

Kostituzzjonali kif kollegjalment komposta. Dik il-Qorti kienet irriteniet *inter alia* hekk (u din il-Qorti tikkondividi pjenament dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali):

"Issa dak li qed jipprova jimpunja r-rikorrent bir-rikors li allegatament huwa pprezenta quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili – huwa proprju digriet ta' din il-Qorti Kostituzzjonali bhala Qorti ta' Appell fi procedura skond l-Art. 46 tal-Kostituzzjoni – liema digriet fuq ir-rikusazzjoni taz-zewg imhallfin ta' din il-Qorti nghata mill-istess Qorti kollegjali skond l-Art. 738(2) Kap. 12. Dak li qed jippretendi r-rikorrent jammonta difatti ghal appell quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili mid-digriet ta' din il-Qorti Kostituzzjonali. Dan huwa kontro-sens procedurali li jistultifika s-sistema organizattiva kollha kemm hi tal-Qrati taghna – ghaliex naturalment il-pretensjoni tar-rikorrent testendi ghall-kawzi kollha li jaslu quddiem il-Qorti ta' l-Appell – fil-gurisdizzjoni ordinarja taghha, fejn wara kull digriet ta' cahda ta' rikuza ta' xi mhallef – kull wiehed mill-partijiet, bil-pretiza li sofra xi vjolazzjoni tal-principju ta' trattazzjoni xierqa tal-kawza, jirrikorri fil-Prim Awla tal-Qorti Civili ghar-'rimedju'.

"Dan kjarament huwa profondament ingust ghaliex jistultifika s-sistema gudizzjarja kollha kemm hi, jaqleb l-ordni gerarkiku tal-Qrati ta' taht fuq, kif jghidu l-Inglizi "*turning the system on its head*", bir-rizultat li tinholoq dik id-disordni fl-amministrazzjoni tal-gustizzja li hija proprju l-antitesi ta' kull principju mhux biss tal-gustizzja fil-konnotat majestuz ta' dik il-virtu` vitali ghas-socjeta` imma anki ta' kull semplici regola tad-Dritt;"

Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, hu evidenti li d-digriet ta' din il-Qorti (diversament komposta) tat-28 ta' Dicembru 1999 kien wiehed perfettament validu u regolari ghax emanat in konformita` ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 272 tal-Kap. 12 u dan sabiex l-esekuzzjoni ta' sentenza tkun tista' tinghata verament effett fl-interess tal-jeddijiet ta' parti jew ohra.

Ghall-motivi kollha premessi l-appell ta’ l-atturi huwa infondat fid-dritt u ghandu jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, tichad l-appell ta’ l-atturi appellanti, bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------